MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 460/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Oliver Mercieca (ID-199164M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Mejju, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm179.86), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 2123 4898 skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A u B annessi mal-avviz.**
**Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fid-9 ta' Gunju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant peress illi it-talba tirrizulta pruvata it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm179.86) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-18 ta' Mejju, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------